# Il-Kwadru Ta' Santa Barbara Martri

**FIL-KNISJA TAL-PATRIJIET KAPUCCINI FIL-KALKARA**
**minn Rev Dr Martin Micallef OFMCap**



F'Settembru tal-2011, ġie restrawrat il-kwadru titulari tal-knisja tal-Kapuccini fil-Kalkara. Dan il-kwadru jirrapprezenta l-martirju ta' Santa Barbara, il-qaddisa li lilha hija ddedikata din il-knisja mibnija fuq stil arkitettoniku li kellu jirrifletti r-Riforma Kapuccina li bdiet fl-1525.[1] Fl-okkazjoni tar-restawr ta' dan il-kwadru artistiku ħsibna biex niktbu l-istorja ta' dan il-kwadru u filwaqt li nagħtu ħjiel tal-kult tal-qaddisa.

## IL-LEĠENDA TAL-QADDISA

Santa Barbara hija waħda mill-qaddisin martri l-aktar magħrufin fil-Knisja li l-grajjiet ta' ħajjitha jeħduna lura għas-Seklu III minkejja li l-kult lejha xtered fis-seklu VII. Kien f'dan iz-zmien meta jidher li bdiet tinkiteb il-ġrajja tal-martirju tagħha msejha 'Passio', jigifieri, il-martirju jew il-passjoni[2] tradott mill-Grieg għal-Latin għalkemm din it-traduzzjoni ma baqgħetx fidila lejn it-test originali. Bosta imbagħad kienu dawk l-Atti leggendarji tal-martirju tagħha li ma damux ma xterdu u li minnhom ittiehed il-kontenut tal-ġrajjiet ta' ħajjitha li daħal jagħmel parti mill-Martirologji tas-Seklu IX.[3]

Il-ġrajjiet marbuta ma' ħajjitha jvarjaw skont il-post fejn kienet meqjuma din il-qaddisa. Hekk, per ezempju, Symeon Metaphrastes u l-leġġenda latina ta' Mombritius isemmu Heliopolis fl-Eġittu bħala l-post li fih Barbara rceviet il-martirju, filwaqt li rakkonti oħra li Baronius jagħtihom aktar importanza, isemmu Nicodemia. Il-*Martyrologium Romanum parvum* miktub qrib is-sena 700, li hu l-eqdem Martiroloġju tal-Knisja Latina u li fih insibu isimha, naqraw: "In Tuscia Barbarae virginis et martyris", filwaqt li l-Martiloġji ta' San Ġilormu u San Beda jiktbu: "Romae Barbarae virginis" jew "apud Antiochiam passio S. Barbaae virg." Il-varjazzjonijiet fl-ismijiet ta' dawn il-postijiet li fihom Santa Barbara setgħet irceviet il-martirju tagħha, mela, mhux biss jirriflettu l-post li fihom kienet qed tiġi miqjuma din il-qaddisa imma wkoll jitfgħu dubji fuq l-awtenticità ta' dawn il-ġrajjiet

## KIF MIETET SANTA BARBARA?

Skont kif naqraw fil-"Passio", Barbara kienet bint Dioscorus, raġel sinjur pagan li għalaq lil bintu f'torri sabiħ sabiex iħarisha mid-dinja ta' barra. Jum minnhom, qabel ma dan telaq għal wieħed mill-vjaġġi li kien jagħmel,

1 _Ara Optatus Van Asseldonk, *It-Tifsira Franġiskana tar-Riforma Kapuċċina Imqabbla ma' l-Egħjun tal-Fehma u tal-Ħajja tal-Qaddisin Franġiskani, f'Dawl Franġiskan* 29 (Ottubru 1983) 15-30.
2 Ara Harry F. Williams, *Old French Lives of Saint Barbara, in Proceedings of the American Philosophical Society* 119.2 (April 1975) 156-185.
3 Ara *http://www.newadvent.org/cathen/02284d.hmt*

Dioscorus iddecieda li jibni speci ta' palazz b'pixxina fih qrib it-torri għall-uzu ta' bintu. Sakemm hu dam imsiefer, Barbara marret tara l-bini l-ġdid u ordnat li t-tielet tieqa tizdied mat-tnejn li kienu diġà pjanati b'unur għat-tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa. Meta Dioscorus wasal lura d-dar, hu sab li Barbara kienet ikkonvertit bil-moħbi għall-Kristjanezmu u tgħammdet. Kollu rabja hu akkuzaha quddiem l-awtoritajiet lokali Rumani minħabba l-fidi tagħha. Għalhekk, hija ġiet ittorturata u kkundannata b'mod formali għall-mewt bi qtugħ ir-ras. Hawn min jgħid li flimkien ma' Barbara mietet ukoll seħbitha Ġuljana. Kien missierha stess li esegwixxa s-sentenza tal-mewt ta' bintu Barbara, izda fi triqtu lura, laqgħtitu sajjetta, u l-gisem tiegħu inħaraq b'kastig.[4]

Minħabba s-sajjetta li laqtet lil dan il-qattiel, Santa Barbara tiġi msejħa biex tipproteġi waqt maltempati ta' sajjetti. Fil-fatt, fil-Malti għandna l-espressjoni: "Santa Barbara la deni u lanqas ħsara!" Mhux biss, imma l-bumbardieri u suldati tal-Artillerija ħatru lil Santa Barbara protettrici tagħhom.[5] Terrence Cooper jikteb li fl-4 ta' Diċembru (il-jum li fih tiġi ccelebrata l-festa ta' Santa Barbara) tas-sena 1942, kien l-aħħar jum tat-Tieni Gwerra Dinjija. Dakinhar kienu ltaqgħu r-rapprezentanti tal-artillieri tar-Reġiment Malti RMA biex jiccelebraw il-festa ta' din il-qaddisa Patruna tagħhom. Din ic-celebrazzjoni kienet saret fil-kappella ta' Sant'Anna fil-Forti Sant'Iermu.[6]

## IL-KAPUCCINI MALTIN U SANTA BARBARA

Ir-relazzjoni bejn Santa Barbara u l-Kapuccini fil-Kalkara tmur lura għal 1736-37. Il-Kapuccini li daħlu f'Malta, bis-saħħa tal-Gran Mastru Kardinal Fra Ugo Loubenx de Veradalle,[7] kienu diġà bnew l-ewwel kunvent tagħhom bejn is-snin 1588-1589, fuq l-għolja msejħa "Id-dokkara" 'l barra mis-swar tal-Belt Valletta, fejn illum hemm il-Furjana.[8] Daqs mitejn sena wara, jiġifieri, fl-1736-37, certu Ġuzeppi Valerio Abela minn Ħal Tarxien, kien ta bicca art, ezattament, tmien tomniet art, li kellhom jitkejlu bil-qies tal-lenza, li fuqhom il-Patrijiet Kapuccini kellhom jibnu t-tieni kunvent u knisja tagħhom fil-gzejjer Maltin.[9]

Sena wara, izda, l-istess Sur Abela, kompla ta lill-Kapuċċini aktar art biex setgħet tiġi realizzata l-pjanta li tħejjiet minn Fra Ġuzepp mill-Isla, Kapuċċin, għall-bini tal-knisja u l-kunvent il-ġdid li kellhom jinbnew fil-Kalkara, jew kif kienet imsejħa f'dak iz-zmien 'Wiċ chibir" fil-limiti ta' "Tal-Aasli" barra s-swar tal-Birgu.[10] Kienet ix-xewqa ta' dan il-benefattur kbir li f'din il-knisja, artal minnhom jiġi ddedikat lil Santa Barbara, b'tifkira ta' ommu li kienet imsemmija għal din il-qaddisa martri, u li kienet mietet fl-1676 waqt il-Pesta meta Ġuzeppi kien għadu daqsxejn ta' tfajjel.[11]

4 Għal aktar dettalji fuq din il-ħajja, ara, *The Oxford Dictionary of the Christian Church,* London 1974, 131.
5 Ara *http:/en.wikipedia.org/wiki/Sant_BarbaraċPatronage*
6 Ara *Half a Century Ago,* in *Times of Malta,* 7.12.1942 and 1992.
7 Ara Abela Ciantar, *Malta Illustrata,* Malta 1780, vol, III, n. 13, 324f.
8 Ara, Timotju Attard, *Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana u l-Ordni Ġerosolomitan,* Malta 1955, 21.
9 Ara P. Pelgaio Ma. Da Zebbug, *Cronica delli RR.PP. Minori Cappuccini,* 282-283, Manuskritt fl-Arkivju Provinċjali, Kapuċċini-Floriana.
10 Ara Abela Ciantar, *Malta Illustrata,* Malta 1780, vol. III, n. 13, 324f.
11 Għal aktar dettalji ara, Joseph Garzia, *Il-Kapuċċini fil-Kalkara, Storja u Devozzjonijiet,* Malta 2003, 13-21.

Il-Kapuċċin magħruf tas-Seklu Tmintax, P. Pelaġju Mifsud minn Ħaż-Żebbuġ, jikteb fl-ewwel Kronaka tal-Kapuċċini Maltin, li dawn il-Patrijiet taħt id-direzzjoni ta' P. Ġuzepp Grech minn Bormla, Kapuċċin, li kien responsabbli mill-proġett ta' din il-knisja u l-kunvent ġdid, iddedikaw il-knisja l-ġdida lil Santa Barbara u mhux sempliċiment artal, bi gratitudni għal Ġuzeppi Abela.[12]

Kien f'dan iz-zmien meta l-bini tal-knisja l-ġdida kien għadu fl-ewwel fażijiet tiegħu, li Fra Philip Wilhelm von Nesselrode-Reichenstein (1727-1753), Gran Prijur ta' Alemanga tal-Ordni Sovran Militari ta' San Ġwann, ikkommissjona lil Agostino Masucci, id-Direttur tal-Akkademja ta' San Luqa, f'Ruma,[13] biex ipitter il-kwadru titulari li jirrappreżenta l-martirju ta' Santa Barbara għall-prezz ta' 100 Żekkin.[14] Il-pittura fil-fatt hija ffirmata mill-istess Agostino Masucci u ġġib id-data ta' 1739, kif jidher tajjeb fin-naħa t'isfel fin-nofs ta' din il-pittura.

## IL-PITTURA

Il-Pittura (287 cm x 169 cm) turi lil Santa Barbara għarkupptejha, ġest tipiku fit-tradizzjoni nisranija ta' persuna li qed titlob. Il-Papa Benedittu XVI, fit-tieni volum li ppubblika fuq Ġesù ta' Nazaret, jikkummenta fit-tul fuq dan il-ġest meta jiġi biex jitkellem fuq it-talba ta' Ġesù fil-ġnien taż-Żebbuġ. Huwa jfakkarna kif San Luqa jippreżenta lil Ġesù għarkupptejh jitlob. B'dan il-ġest, jikteb il-Papa, San Luqa jippreżenta l-lejl ta' Ġesù fl-agunija tiegħu fil-kuntest tal-istorja tat-talb nisrani.[15]

San Stiefnu, per eżempju, jintelaq għarkupptejh fit-talb hekk kif kien qed jiġi mħaġġar kif naqraw fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli 7,60. San Pietru, jinżel għarkupptejh jitlob qabel ma jqajjem lil Tabitha mill-mewt (Atti 9,40). San Pawl ukoll jinżel għarkupptejh biex isellem għall-aħħar darba lill-Presbiteri ta' Efesu, kif naqraw fl-Atti 20,36. Mill-ġdid f'Atti 21,5 Pawlu jinżel għarkupptejh meta d-dixxipli jgħidulu sabiex ma jitlax Ġerusalemm. Alois Stöger, fil-Kummentarju tiegħu fuq San Luqa, jikteb hekk fuq din dan is-suġġett: "Meta dawn kienu ffaċċjati mill-qawwa tal-mewt, dawn kollha talbu għarkupptejhom. Il-martirju jista' jintrebaħ biss bit-talb. Ġesù hu l-mudel tal-martri."[16]

Mhux ta' b'xejn jew b'kumbinazzjoni, mela, li Masucci, meta ġie biex ipitter din it-tila, iqiegħed lil Santa Barbara għarkupptejha biex b'hekk jippreżentha bħal Ġesù u bħal tant qaddisin oħra li mietu jitolbu għarkupptejhom, ġest ta' umiltà u fiduċja kbira f'Alla li jista' kollox.

Ix-xbieha ta' Santa Barbara għarkuppteja fil-kwadru ta' Masucci hija wkoll l-istess pożizzjoni tal-istess qaddisa fi kwadru ieħor iżgħar li llum jinsab fil-Mużew tal-Kapuċċini fil-Furjana. Din il-pittura li għandha x-xeħta tal-arti popolari Maltija tas-seklu 18, ma neskludux li kien il-kwadru titulari ta' din il-knisja[17] sakemm tlesta t-titular li hemm illum bil-glorja kollha tiegħu, liema

12 Ara P. Pelgaio Ma. Da Zebbug, *Cronica delli RR.PP. Minori Cappuccini,* Manuskritt, 282-283, fl-Arkivju Provinċjali, Kapuċċini-Floriana.
13 Għal aktar tagħrif fuq Agostino Masucci f'relazzjoni ma' din il-pittura, ara Keith Sciberras, *Baroque Paintings in Malta,* Malta 2009, 279-281.
14 Ara Ibid.
15 Ara Joseph Ratzigner, Pope Benedict XVI, *Jesus of Nazareth, Holy Week: From the Entrance into Jerusalem to the Resurrection,* Vatican 2011, 154.
16 Alois Stoger, *The Gospel According to St Luke,* vol. II, London 1969, 199.
17 Din hija wkoll l-opinjoni ta' Patri Franġisku Azzopardi OFMCap, il-fundatur tal-Mużew Provinċjali

titular tqiegħed fi Prospettiva arkitettonika li kif jiktbu xi storiċi ta' pajjizna, bħal Ciantar u Ferris, din hija disinn tal-famuz Kavallier Fra Frangisk Romano Carappecchia, inġinier minn Firenze li ddisinja bosta binjiet u xogħolijiet ta' presstiġju fil-gzejjer tagħna.[18]

Mhux għarkupptejha, biss, imma Masucci jipprezenta lil Santa Barbara f'dan il-kwadru sabiħ, bħala mara mlibbsa bi lbies nobbli u fin, filwaqt li missierha Dioscorus, huwa rrapprezentat bħala suldat ruman, li qed joħroġ ix-xabla mill-għelt biex joqtol lil bintu. Meta wieħed iħares mill-viċin lejn dan il-kwadru ma jistax ma jinnotax is-serje ta' wħuħ donnhom imqabbzin li Masucci għazel li jpitter maċ-ċinturin ta' missier San Barbara, biex b'hekk kompla jelabora fuq id-dekorazzjoni tal-ilbies u l-panneġġ tal-personaġġi li jipprezentalna fil-pinzellati tiegħu fuq din it-tila.

Fuq in-naħa ta' fuq tal-pittura, tidher il-Madonna bil-Bambin. Sabiħ u teneru hu l-wiċċ tal-Madonna u ta' binha Ġesù, li weħidhom fihom meditazzjoni mill-isbaħ hekk kif inhuma mpittra b'kuluri li jseħħru l-għajn.[19] Flimkien ma' Marija u Ġesù, Masucci pitter ukoll tliet Puttini, jiġifieri, anġli zgħar. Dak ta' fuq in-naħa tal-lemin, qed izomm palma u kuruna tar-rand, li fl-ikonografija nisranija huma s-simboli tal-martirju u tar-rebħa. San Pawl innifsu jitkellem fuq hekk meta lill-Insara ta' Korintu jgħidilhom: "Ma tafux li l-ġerrejja fl-istadju kollha jiġru, imma l-premju wieħed jirbħu? Iġru, mela, ħalli tirbħuh. Kull atleta jiccaħħad minn kollox, u dawn biex jirbħu kuruna midbiela, imma aħna, waħda li ma tidbielx" (1 Kor 9, 24-25).

Fuq in-naħa tal-lemin tal-pittura, imbagħad, Masucci pitter torri bi tliet itwieqi, motif tipiku fl-ikonografija ta' Santa Barbara, li kif għedna diġa, jirrapprezenta episodju mill-ħajja tagħha meta hija riedet li t-torri li kien bnielha missierha tizdiedlu tieqa mat-tnejn li kien hemm ad unur tat-tliet Persuni tat-Trinita Qaddisa.

Tajjeb niftakru wkoll li fil-faccata tal-knisja tal-Kapuccini f'din l-istess lokalità, hemm zewġ statwi kbar minquxa fil-ġebel. Dik tan-naħa tal-kampnar tirrapprezenta lil Santa Barbara filwaqt li l-oħra tirrapprezenta lil Santa Liberata. Dawn l-istatwi kienu tqegħdu "fil-faċċata tal-knisja meta l-istess faċċata nbniet mill-ġdid din il-faċċata fil-bidu tas-seklu Dsatax minħabba l-ħsarat li ġarrbet fi zmien il-ħakma Franciza, bit-tħabrik ta' Patri Ġuzepp Anton Grimaldi minn Bormla, Kapuccin."[20] Din l-istatwa tal-ġebel li turi lil Santa Barbara, għandha f'idejha torri bi tliet itwieqi. Hekk ukoll tidher Santa Barbara fis-sigill antik tal-Kunvent tal-Kalkara, li sal-1752 qabel ma nġiebu l-fdalijiet ta' Santa Liberata martri, kien jissejjaħ il-Kunvent ta' Santa Barbara. Fuq l-ewwel paġna tal-Kurunella bil-Malti ta' Santa Barbara, stampat fl-1932, din il-qaddisa martri hija rrapprezentata wkoll qrib Kastell bi tliett itwieqi.[21]

Lura lejn it-tila ta' Masucci. Fuq in-naħa tax-xellug, dan il-pittur Taljan inkluda xena ta' belt. Mill-piramida qrib is-swar tal-belt li tagħmel parti minn din ix-xena, wieħed jasal biex jikkonkludi li l-belt hija dik ta' Ruma, liema

tal-Kapuċċini fil-Furjana. Ara l-ktieb tiegħu, *Id-Devozzjoni lejn il-Qaddisin u r-Relikwi tagħhom, Studju Storiku-Kritiku dwar Santa Barbara u Santa Liberata,* Malta 2002, n. 7, 14.

18 Ara Abela Ciantar, *Malta Illustrata,* Malta 1780, vol, III, n. 13, 326-7. Ara wkoll Achille Ferris, *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo,* Malta 1866, 292-3.

19 Dawn jidhru tajjeb ukoll f'kartolina tal-Milied li ġiet stampata mill-fraternità tal-Kapuċċini Kalkara, fl-okkażjoni tar-restawr ta' din il-pittura.

20 Franġisku Azzopardi, *Id-Devozzjoni lejn il-Qaddisin u r-Relikwi tagħhom, Studju Storiku-Kritiku dwar Santa Barbara u Santa Liberata,* Malta 2002, n. 3, 10.

21 Ara l-librett tal-Kurunella lil Santa Barbara, fl-Arkivju Provinċjali, Kapuċċini-Floriana.

piramida għadha hemm sal-lum qrib il-Basilika ta' *San Paolo fuori le mura*. Li Masucci inkluda xena mill-belt ta' Ruma jagħmel ħafna sens, għaliex dan huwa l-istess post fejn Masucci pitter dan il-kwadru manifiku meqjus bħala ezempju importanti ta' kurrenti stilistiċi li kien hemm f'Ruma fl-ewwel nofs tas-Seklu 18.[22]

Meta dan il-kwadru inġieb Malta, zgur li kien ħalla effett qawwi fuq artisti lokali kontemporanji, bħal Francesco Zahra (1710-1773) u Rocco Buhagiar (1723-1805), iz-zewġ artisti kbar li kienu ġew ikkummissjonati mill-Kapuccini ta' dak iz-zmien biex ipittru fil-knejjes tagħhom tal-Kalkara u ta' Għawdex. Fil-knisja tal-Kapuccini tal-Kalkara, bizzejjed jekk insemmu z-zewġ pitturi li nsibu ezatt taħt il-kupletta, fil-lunetta tal-kappella tas-Salib. Dawn iz-zewġ pitturi, f'forma ta' nofs tond, juru lil Kristu qiegħed jitnizzel mis-salib, u l-Madonna b'binha Ġesù mejjet f'ħoġorha, zewġ pitturi mill-isbaħ ta' Franceso Zahra magħmula fl-1768.[23] Ma' dawn jidher li kien hemm ukoll il-kwadru sabiħ li juri lil Ġesù li qed iqarben lil San Bernard ta' Corleone, Kapuċċin, liema kwadru illum jinsab fil-Mużew tal-Kapuċċini fil-Furjana.[24]

Anke l-*Via Sacra* ta' din il-knisja, bosta huma dawk l-istudjuzi tal-Arti lokali li jzommu li din hija xogħol ta' Rocco Buhagiar jew tal-*aliev* tiegħu Ġuzeppi Grech li pitter diversi stazzjonijiet tal-*Via Sagra* f'Malta.[25]

## IR-RESTAWR TAL-PITTURA

Fl-1996 il-kwardu ta' Masucci fil-knisja tal-Kapuċċini fil-Kalkara kien ġie restawrat minn Anthony Briffa.[26] Kien ezattament f'Ottubru 2010, waqt ċelebrazzjoni organizzata għall-Patrijiet li kienet saret f'din il-knisja, dakinhar innutajt li din il-pittura kienet qed titqatta minn bosta postijiet. Wara li ntemmet din iċ-ċelebrazzjoni, kont sejjaħt lill-Gwardjan tal-fraternità, Br Vincent Axiaq u wrejtu l-ħsarat li kienu jidhru f'dan il-kwadru prezzjuz. Dakinhar kont tlabtu wkoll jekk nistgħux innizlu din il-pittura minn postha biex ma tkompliex issirilha ħsara filwaqt li ssuġġerejt biex jinġieb xi espert li jkun jista' jgħinna naraw kif l-aħjar li nirrestawraw dan il-kwadru tas-seklu 18.

Fil-fatt, tqabbad Mr Pierre Bugeja, f'isem il-kumpanija tar-Restawr *Prevarti,* biex jirrestawra dan il-kwadru ta' Masucci, liema xogħol sar b'mod mill-aktar professjonali.[27] Ir-restawr tal-kwadru ta' Masucci tlesta u tqiegħed f'postu f'Settembru 2011, fl-okkazjoni tas-60 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali ta' P. Gejtu Galea.[28] Prezentazzjoni tar-restawr tal-kwadru imbagħad kienet saret fil-5 ta' Diċembru 2011, f'serata organizzata apposta fl-istess knisja.[29] Dakinhar

---

22 Ara Keith Sciberras, *A Modello for Masucci's Martyrdom of St Barbara,* in *Treasures of Malta,* III (1996) 68-69.

23 Ara Keith Sciberras, *Baroque Paintings in Malta,* Malta 2009, 328-9.

24 Ara Jacqueline Xuereb, *An Annotated Catalogue of the Paintings in the Capuchin Museum Floriana, A Dissertation submitted in part fulfillment of the requirements for the Degree of Bachelor of Arts (Honours) in History of Art presented in the Art Unit, Faculty of Arts, University of Malta,* 2002, 113-116.

25 Ara Joseph Garzia, *Il-Kapuċċini fil-Kalkara, Storja u Devozzjonijiet,* Malta 2003, 239.

26 Ara Keith Sciberras, *A Modello for Masucci's Martyrdom of St Barbara,* in *Treasures of Malta,* III (1996) 68-69.

27 Għat-teknika li ġiet użata u l-proċess kollu tar-restawr ara Pierre Bugeja – Rev Dr Martin Micallef, *The Conservation and Restoration of the Martyrdom of St Barbara by Agostino Masucci, Church of St Barbara, Kalkara,* in *Treasures of Malta* 52 (Christmas 2011), 62-67. Ara wkoll, *The Restoration of Masucci's 'Martyrdom of St Barbara'* in *The Malta Independent on Sunday,* 30.10.2011, 42.

28 Ara Martin Micallef, *60 Sena Presbiteru,* f'*Newsletter* 102 (Ottubru 2011), 4. Ara wkoll, Martin Micallef, *Restawr tat-Titular tal-Knisja tal-Kalkara,* f'*Newsletter* 103 (Novembru 2011), 3-4.

29 Ara *Poster tal-okkażjoni,* fl-Arkivju Provinċjali, Kapuċċini-Floriana.

jiena bħala l- Kuratur tal-Mużew tal-Kapuċċini f'Malta kont tajt spjega teoloġika tal-kwadru u l-istorja ta' kif dan il-kwadru wasal f'din il-knisja. Filwaqt li Mr Pierre Bugeja ta spjega tal-proċess tar-restawr li sar fuq dan il-kwadru.

**KONKLUZJONI**

Il-Kwadru titulari ta' din il-knisja li juri l-martirju ta' Santa Barbara irid jgħinna biex kull darba li nħarsu lejh niftakru kemm tassew il-martri ħabbew lil Ġesù permezz tax-xhieda li taw għall-Evanġelju. Hekk tfisser il-kelma *martri* bil-Grieg: *marturia,* jiġifieri, ix-xhieda.

Jalla aħna wkoll inkunu xhieda tal-Mulej Ġesù u tal-Evanġelju fuq l-ezempju tal-qaddisin martri u ta' din il-qaddisa rapprezentata f'dan il-kwadru, li nistgħu nqisuh bħala l-isbaħ kwadru li l-Franġiskani Kapuċċini Maltin għandhom fil-knejjes tagħhom f'Malta u f'Għawdex.

